# MALTA MISSJUNARJA – IL-11-IL PARTI


XV Sena Jannar 1947 No. 1

MALTA MISSJUNARJA

Perjodiku maħruġ mill-Kunsill Ċentrali ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji
Direttur: Saċ. Giovanni Sciberras, Uffiċċju Missjunarju, 266, Triq S. Pawl. Il-Belt
Ħlas żewġ soldi mal-kunsinna. Abbonament 2/- fis-sena jew 2/6 bil-posta.

KONTRA QALBNA

L-editorjal bit-titlu 'Kontra Qalbna' li deher f'paġna 3 tar-rivista MM ta' Jannar 1947.

### Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

**Malta Missjunarja togħla minn sold għal tnejn:** 'Kontra Qalbna' huwa t-titlu tal-editorjal li deher fir-rivista ta' Jannar 1947 (Sena XV, nru 1, p.3) fejn jgħid li din 'qiegħda tidher b'libsa ftit ġdida u bi prezz mhux tas-soltu.' Dan sar mhux biex il-perjodiku 'joħroġ bl-ilbies ta' lussu', anki jekk 'xi tibdila żgħira fil-forma tiegħu tkun tista' ssir biex ma jibqax jidher, kif ħafna kienu qegħdin jgħidulna, fis-sura fqira ta' qabel.' Huwa jassigura lill-abbonati kollha li dan mhux qed isir 'biex jibqa' xi ħaġa tal-qligħ għall-Missjoni.' Għall-kuntrarju, kull dħul mill-bejgħ tiegħu sa mill-bidu nett 'kien imur għall-istampa tal-istess perjodiku.' Huwa jispjega kif ir-rivista ma setgħetx tibqa' tinbiegħ kif inhi minħabba li x-xogħol tal-istampa u l-karta għolew ħafna u 'trid titħabat mhux ftit biex issib il-kwantità tal-karta meħtieġa għall-perjodiku.' Li ma sarx hekk, ir-rivista kienet se tispiċċa f'defiċit kbir, bil-flus jittieħdu mill-Missjoni – xi ħaġa li ħadd ma xtaq li ssir. L-editorjal jagħlaq b'nota ta' fiduċja: 'Aħna ċerti li mhux biss ħadd mill-abbonati u qarrejja ma jgerger, iżda wkoll li kulħadd jgħidilna, kif ħafna diġà qalulna: "Għandkom raġun! Anzi nistagħġeb kif s'issa stajtu żżommuh b'dak il-prezz."' Ta' min jgħid li l-perjodiku kien irnexxielu jżomm bl-orħos prezz possibbli għax kellu ħażna kbira ta' karti li servew għal żmien twil.

Aktar xogħlijiet matul is-snin 1947-51 jinkludu: *Il-Missjunarju* (Sena XVI, Frar 1948, nru 2, p.26) sunett Petrarkan ta' Bovin


Pawlu Aquilina - edukatur u poeta li ħabb il-Malti.

[psewdonimu], magħmul B'Kara; *Missjunarju* (Sena XVI, Mar. 1948, nru 3, p.34) poeżija b'erba' strofi ottonnarji u rima alternata u *Lilek Mulejja* (Sena XVI, Diċ. 1948, nru 12, p.186) poeżija bi tmien strofi kwinarji, li jibdew kollha 'b'Lilek Mulejja', u rima abċb, it-tnejn taħt l-isem mibdul ta' 'Aralde'; *Sitio!* (Sena XVI, Mar. 1948, nru 3, p.38) poeżija ta' S.A.C.[1] f'forma t'għanja bir-ritornell: *"Għaċċ għandi Jiena, / Għaċċ l-aktar kbir: / Min lili b'ħniena / Jikseb tgħadir!"*; *Nonnisi vides loqui potes* (Sena XVI, Aww. 1948, nru 8, p.126) poeżija taħt il-psewdonimu 'Veritas'; *Feddej*

[1] L-inizjali jistgħu jkunu tas-Saċerdot Angelo Copperstone. L-għanja f'forma ta' poeżija hija miktuba bil-Malti qadim.

*Twieled ... u Ieħor Miet* (Sena XVII, Jannar 1949, nru 1, p.8) poeżija ta' G. Bartolo b'sitt strofi dekasillabi u rima abċb; *Bukket Ward: Lill-"Warda Misterjuża"* (Sena XVII, Mejju 1949, nru 5, pp.72 u 74) poeżija ta' Pawlu Aquilina [2] (1929-2009) bi tnax-il strofa endekasillaba u rima abċa, fi tliet taqsimiet t'erba' strofi l-waħda; *Għad Isejjaħlek* (Sena XVIII, Lulju 1949, nru 7, p.102) poeżija tal-Misidjan Ġużi Abela (1931-91) b'erba' strofi bir-rima abċb; *Il-Missjunarju* (Sena XVII, Ottubru 1949, nru 10, p.156) sunett Petrarkan ta' Bovin [psewdonimu] u ieħor ta' G.F. bl-isem ta' *It-Tfal Madwar Ġesù* (Sena XVIII, Jannar 1950, nru 1, p.2).


SIBTU XI KUPUN ?

Dawn li ġejjin sabu u waslulhom id-dar ir-rigal li kien imniżżel fihom Kif issibu xi wieħed minn dawn il-kupuni fil-Malta Missjunarja jibgħatuhom malajr.

Albertu Dalli, Gudja.
M'Anna Buħaġiar, Għargħur.
Joseph Bilocca, Ħamrun.
Emmanuel Brincat, Gudja.
Francis Calleja, B'Kara.
Paul Camilleri, Rabat.
Carmel Farrugia, Żejtun.
Giosafatt Galea, Mqabba.
G. Preca, B'Kara.
Edward Grech, B'Kara.
C. Farrugia, Valletta.
May St. John, Msida.
Anthony Cini, Ħamrun.

Avviż: 'Sibtu xi Kupun?' (MM t'April 1950, p.52).

Fl-1950 ukoll, dehru xi avviżi biex iħajru nies ġodda jabbonaw fir-rivista. Wieħed minnhom kien jgħid hekk: 'Kupuni bir-Rigali: Avviż: Qarrejja Attenti – Kupuni bir-rigali: Fil-Malta Missjunarja qed jinsabu kupuni li bihom wieħed jikseb ktieb li jkun imniżżel fuqhom. Ħlas ma hemm xejn. Wieħed jibgħat il-kupun b'ismu u l-indirizz u jirċievi d-dar il-ktieb. Sa issa rċivew kupuni u bagħtu għal ktieb dawn li ġejjin:- ...' (Sena XVIII, Jannar 1950, nru 1, p.11). Avviż ieħor kien jgħid hekk: 'Sibtu xi Kupun? Dawn li ġejjin sabu u wasslulhom id-dar ir-rigal li kien imniżżel fihom. Kif issibu xi wieħed minn dawn il-kupuni fil-Malta Missjunarja ibagħtuhom (sic) malajr.' F'riġel in-nota nsibu lista ta' mhux anqas minn 13-il rebbieħ minn kull rokna ta' Malta (Sena XVIII, April 1950, nru 4, p.52). Kupuni simili kienu xorta ta' biljetti li jistgħu jinbidlu f'rigali. Iżda fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kienu jeżistu kupuni xort'oħra biex wieħed jiġbor/jixtri r-razzjon tiegħu. Din l-iskema għadha tintuża sal-ġurnata tal-lum mill-ħwienet tal-merċa u stabbilimenti oħrajn biex dak li jkun jibqa' jixtri mingħand l-istess bejjiegħa jew il-prodotti tagħhom. Jeżistu tip ta' kupuni oħrajn li jistgħu jissarrfu m'oġġetti għad-dar jew li sempliċiment jintitolawk għal xi tip ta' skont.



Qoxra tal-ktieb tad-dramm 'El Divino Impaciente' ta' Pemá.

Artiklu ieħor partikolari huwa *60,000 għad-Dramm tal-Passjoni fl-Indja* (Sena XVIII, Ġunju 1950, nru 6, p.91) minn 'Fides' [psewdonimu]. Dan id-dramm kien ittella' mill-grupp drammatiku tax-Xirka Żgħażagħ Gradwati ta' San Saver u ta' xirkiet oħrajn ta' Bombay, l-Indja. Dan il-grupp kellu għal qalbu d-drammi reliġjużi klassiċi bħala mezz modern biex iwassal il-fidi Kattolika bl-imħuħ tal-miljuni ta' mhux Insara f'pajjiżhom stess. Fost ix-xogħlijiet li din il-kumpanija drammatika kienet tellgħet sa dak ▶

[2] Aquilina, mis-Siġġiewi, kien għalliem fl-iskejjel governattivi, Kap ta' Skola u kittieb prolifiku tal-Malti. Ħafna mill-poeżija tiegħu xxandret f'rivisti u ġurnali lokali, b'għadd minnhom irebbħuh premjijiet f'gari letterarji. Kittieb ukoll ta' komponimenti u 'radio features'.

iż-żmien insibu l-*El Divino Impaciente*[3], dramm poetiku fi tliet atti ta' José Maria Pemán (1897-1981) – ġurnalist, poeta, drammaturgu, rumanzier, saġġist u monarkist intellettwali – f'interpretazzjoni Indjana, għal seba' darbiet, quddiem udjenzi kbar. Il-grupp kellu suċċess tal-għaġeb ukoll bil-*Quo Vadis*, imqiegħda għall-palk mill-kittieb drammatiku Kanadiż Anthony Matre (1866-1934). L-ikbar suċċess li nkiseb kien bid-dramm tal-passjoni tal-Ġiżwita Dun Gimene, speċi bħal ta' Oberammergau fil-Bavarja, il-Ġermanja, li damu jikkunċertaw fih sena. Skont 'fides': 'Biex jippreżentawh ħtiġilhom jonfqu madwar 25,000 dollaru jew 135,000 rupija. Ħadu sehem 300 persunaġġ nisa u rġiel magħżula minn diversi għaqdiet.' Id-dramm kien inħadem fuq palk wiesa' 135 pied, imħażżeż u mmexxi minn arkitetti Kattoliċi tal-pajjiż, filwaqt li x-xenarju nħadem mis-Sinjuri *Fernandes and Son*. Il-kittieb, għad li kellu 70 sena, kien preżenti meta nħadem id-dramm u ta l-pariri tekniċi tiegħu. Dun Barret S.J., Rettur tal-iskola Sekondarja ta' S. Saver, u Dun Francis Benac, promotur Nazzjonali tal-Kruċjata Missjunarja, kienu d-direttur u l-produttur rispettivament. 'Fides' jkompli jgħarrafna li d-dramm kien inħadem 20 darba għall-60,000 ruħ, fejn wieħed minn kull tlieta tan-nies ma kienx Nisrani, iżda lkoll qagħdu jarawh jinħadem bl-akbar qima.

Mill-banda l-oħra, f'MM (Sena XVIII, Mejju 1950, nru 5, pp.65-6) insibu l-editorjal ta' Dun Ġwann Sciberras, it-tielet editur tal-perjodiku – *Dimissjoni u Elezzjoni: Dun Anton Cilia jsir Direttur Nazzjonali tal-Opri Missjunarji Pontifiċji f'Malta*. Fih jesprimi l-għafsa tal-qalb għad-dimissjoni tal-Ill.mu u Rev.mu. Mons. A.M. Agius D.D. B.A. bħala President Nazzjonali tal-Opri Missjunarji Pontifiċji. Dan kien ilu f'din l-ogħla kariga għal 18-il sena sħaħ. Skont l-editur: 'Kien bin-nomina *tiegħu* ... li t-tliet Opri Missjunarji Pontifiċji ħadu xejra u organizzazzjoni ġdida fil-gżejjer tagħna. Kien hu wkoll li bl-inkoraġġjament u t-tmexxija tiegħu li bdew u seħħu diversi inizjattivi missjunarji f'Malta, fosthom il-pubblikazzjoni ta' dan il-perjodiku.' L-editur ikompli jgħarrafna li l-vojt li ħalla warajh Mons. Agius malajr imtela' bl-għażla ta' Direttur Nazzjonali ġdid fil-persuna tal-Wisq Rev. Dun Anton Cilia, D.D. Bl.Can., bin-nomina tiegħu tinħareġ mis-*Sagra Congregazzjoni De Propaganda Fide* fit-18 ta' Marzu tal-istess sena. Cilia diġà kellu 20 sena esperjenza f'kull ħidma missjunarja f'Malta fejn din ma kinetx tikkonsisti biss fil-ġbir għall-missjonijiet; ħabrek li jiffondi[4] l-veru ideal missjunarju fil-poplu kollu billi jippridkalu u jurih x'inhuma l-Opri u l-missjonijiet. B'kitbietu ma taqta' qatt illumina lil min kien jaf l-iskola, u lill-intellettwali ġegħelhom jiltaqgħu flimkien ħa jistudjaw il-problemi varji tal-missjoni. Ħafna miż-żgħażagħ li telqu għall-missjoni fis-snin ta' wara l-gwerra 'huma frott din il-ħidma li kellha bħala għelm ewlieni tagħha l-vokazzjoni missjunarja.' Dun Ġwann jagħlaq l-editorjal tiegħu billi f'isem l-Interpreti tal-Kunsill Nazzjonali u tal-Kunsill Djoċesan tal-O.M.P., tal-Unjoni Missjunarja tal-Kleru, tal-Għaqda taż-żelaturi tal-Opri u ta' kull organizzazzjoni oħra missjunarja f'Malta u Għawdex, jifraħlu u jixtieqlu ħajja itwal u aktar ħabrieka ħalli s-Saltna ta' Kristu tkompli tinfirex qalb il-ġnus pagani permezz tal-ħidma Maltija favur l-Opri u l-missjonijiet. ■

[3] Pawlu Aquilina kien qaleb dan id-dramm għall-Malti bl-isem ta' *Qaddis bla Mistrieħ* mill-Ingliż *A Saint in a Hurry*.

[4] Iwaqqaf; jistabbilixxi; jiftaħ; jistitwixxi (Mario Serracino-Inglott: Dizzjunarju Malti)